**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju, 2001**

**Numru 7**

**Avviz. numru 263/01JR**

**Dr. Tanya Sammut ghan-nom u in rappresentanza ta' Forestals (Appliances) Ltd.**

**vs**

**Charles Darmanin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tlieta u tletin lira Maltija (Lm133.00) ghall-merkanzija li l-konvenut xtara minghand is-socjeta` Forestals (Appliances) Ltd. U beda jaghmel xi pagamenti akkont pero` llum ghad fadal ihallas il-bilanc ta' mija tlieta u tletin lira (Lm133.00);**

**Illi nonostante interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' nadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;**

**Ghalhekk kella ssir din il-kawza kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz sal-pagament effettiv.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni li biha is-socjeta` attrici irriduciet t-talba ghall-mija u tlett liri Maltin (Lm103.00) stante pagament fil-mori tal-kawza.**

**Semgha x-xhieda ta'  Dr. Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont bilancjali ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u tlett liri Maltin (Lm103.00),  bl-imghaxijiet legali mis-17 t'April, 2001, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**